# QUOTIDIE MORIOR!

*Ta'* Dun Frans Camilleri

*Even if it means self-sacrifice on our part, we should be less Christ-like were we to refuse to listen to their cries for food.*—Cardinal Griffin.

Kull filgħaxija
waqt li għajnejja
ikunu qegħdin jagħlqu f'nagħsa ħelwa,
jinġabru f'moħħi
dehriet tan-niket
li rajt u ġbart mal-jum u jieqfu ħdejja.
U nħoss id-diqa
tinżel ġo qalbi
bl-imrar u swied il-qalb meta niftakar
kemm nies ibatu
swat u moħqrija;
imbagħ'd ma' ħsiebi jien insieħeb talbi.
Għax bosta, msejkna,
waqgħu bla ħtija
fid-demm tal-gwerra li ħalliet lid-dinja
fil-ġlied, fil-għira
u fil-mibegħda
li donnha trid mill-ġdid tixrob id-dmija.
U kemm familji
għalxejn jinġabru
biex jieklu ma' missier b'idejh battala!
U kemm nies foqra
ħabbtu bieb l-għonja
għalxejn, u kellhom fil-Mulej jistabru!
U waqt dan-niket
nidħol bi ħsiebi
fl-isptarijiet fejn hemm il-mewt tistenna
eluf ta' morda
u fosthom nilmaħ,
fl-uġigħ u d-dwejjaq, ħafna wċuh ta' ħbiebi.
Dan kollu jidħol
f'din il-qalb ċkejkna
li tħoss it-toqol ta' l-imrar u n-niket
xħin niftakarhom
lil dawk li jbatu:
u nħossni mmut kuljum ma' dawn l-imsejkna......

21/IV/1946.